# 88. Il-Qawsalla

*imnebbħa mill-isem tal-film ‘Daddy wants to but you a Rainbow’ ta’ Robert Burns, film muri fl-International Amateur Cine Circle Festival li sar f’Malta, Ottubru, 1973*

Ġmiel infinit
ta’ sema
bis-sħab imżejjen
li dejjem jimraħ fih;
oh r-rapsodija
ta’ lwien u ta’ suriet
tal-għodwa u tal-għaxija!
’Mma l-isbaħ ħliqa
tas-sema hija l-qawsalla;
iżda xi dnub
li ddum biss ftit minuti!
li kelli l-flus
kont nixtri waħda kbira
u nżommha dejjem fih
tgħajjat it-tifsir tagħha:
sliem u mħabba.

Hemm sema ieħor,
is-sema
ta’ qalb l-umanita’,
u fih
tfiġġ ukoll qawsalla
li ddum għal ftit minuti!
li kelli l-flus
kont nixtri qawsalla oħra
u nżommha dejjem fih
tgħajjat it-tifsir tagħha:
sliem u mħabba!

27/10/1973